MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Numru. 866/2002

Il-Pulizija
(Sp Chris Pullicino u
Sp Ramon Mercieca)
vs
Darren Grima, iben Vincent, imwieled Attard fis-16 ta' awissu, 1976

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f'xi ħin matul il-lejl ta' bejn is-17 u it-18 ta' ottubru, 2002, fil-Belt, Valletta u f'diversi lokalitajiet oħra f'dawn il-Gżejjer:
a. bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta l-ħati, zamm jew issekwestra lil xi persuna u cioe' lil Donovan Grioli kontra l-volonta' tiegħu;

b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ Donovan Grioli f’perikolu ċar, b’oġġetti iebsin, ikkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ l-imsemmi Donovan Grioli skond kif ġie ċċertifikat mit-Tabiba Moira Grech M.D. ta’ l-Isptar San luqa;
c. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra persuna kellu fil-pussess tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
d. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kellu fil-pussess tiegħu, jew taħt il-kontroll tiegħu, u kif ukoll zamm arma tan-nar ta’ għamla, ditta u numru tas-serje mhux magħrufa, mingħajr liċenzja maħruġa lilu mill-Kummissrju tal-Pulizija;
e. talli f’dawn il-Gżejjer, fl-istess żmien u ċirkostanżi, bħala persuna li ġiet fil-pussess ta’ l-istess arma tan-nar u munizzjon, naqas minnufih li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija.
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ kundanna, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta’ awissu, 2003 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 86 u 221 tal-Kodiċi Kriminali; u
b. fl-artikoli 3, 9, u 26 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta’ Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ settembru, 2003 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ april, 2007 fejn l-imputat ammetta l-ewwel żewġ akkużi miġjjuba kontra tiegħu iżda ma ammettiex l-aħħar tlett akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-lejl hawn fuq indikat l-imputat issekwestra lil Donovan Grioli billi talbu biex jitla fuq il-karozza tiegħu. L-imputat qallu biex ipoġġi wara għaliex kien jaf li minn hemm Grioli ma setgħax jinżel billi l-bieba kienet tinfetaħ biss minn barra. L-imputat ħadu fi store ġewwa Gwardamangia u hemmhekk aggredih u ikkaġunalu feriti ta’ natura ħafifa. Fil-fatt dan hu l-qofol ta’ l-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra l-imputat u li hu ammetta.

Illi għal dak li jirrigwarda l-arma hawn żewġ versjonijiet. Donovan Grioli xehed li l-imputat kellu arma f’idejh. L-imputat, min-naħa l-oħra, jiċħad li hu qatt kellu xi arma. Mill-provi prodotti hemm xhieda konfliġġenti u għalhekk tali dubju għandu jmur favur l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-aħħar tlett akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 86 u 221 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali ta’ l-imputat u l-ammissjoni tiegħu. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------